**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 611/97

John P. Lanzon

vs

Is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru.

Illum 4 ta' April, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' l-1993 huwa sofra ingustizzja f'li ma naghatax promozzjoni misthoqqa.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor dan li gej:-

Fl-1979 huwa gie mahtur Head I (Grade 4) fis-Servizz Civili u wara tmintax-il sena minkejja li huwa kien u ghadu sal-lum l-ewwel fl-istaff List tal-ufficjali fi Grad 4, huwa qatt ma' tawh l-

kariga ta' Direttur jew Direttur Generali skond ir-riforma li saret fis-Servizz Civili fl-1993. Il-parti l-kbira ta' ufficjal tal-Gvern li hadu promozzjoni ta' Diretturi, Diretturi Generali u f'certu kazi anke ta' Segretarji Permanenti kienu juniors tieghu. Sahansitra kien hemm ufficjali fi Grad 5, igifieri Grad anqas minnu, li qabzuh u saru Diretturi, jew Diretturi Generali.

Xhieda ta' dan hemez kopja ta' l-Istaff List tac-Civil li turi li huwa jinsab l-ewwel fil-Lista u turi wkoll illi huwa biss ma' inghatatlux l-kariga ta' Direttur, jew Direttur Generali jew Segretarju Permanenti. U ta' dana huwa qatt ma nghata spjegazzjoni minkejja li pprotesta kemm mas-Segretarju Amministrattiv (illum l-Ombudsman) kif ukoll mas-Segretarju Permanenti is-sur Joe Grima.

Ghaldaqstant huwa sofra ingustizzja fl-ghoti ta' din il-promozzjoni u gie mtellef l-opportunita li javanza fil-karriera tieghu mill-1993 l'hawn, u b'hekk sofra danni finanzjarji u morali.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni li gie imcahhad minnha, jew jekk dan mhux possibli, jinghata kumpens finanzjarju ta' mhux anqas minn Lm5,000 lira Maltin.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru li eccepixxa:-

1. Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kuntradittur ghal dan ir-rikors, stante li l-hatriet ta’ Segretarju Permanenti jsiru mill-President tar-Repubblika, filwaqt li dawk ghal Kap ta’ Dipartiment isiru mill-Prim Ministru.

2. Illi l-hatriet kollha ta’ Segretarju Permanenti, u dawk ghal Kap ta’ Dipartiment isiru fit-termini tal-Art 92 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta liema Artiklu ma jipprovdix li tali hatriet ghandhom jinghataw skond l-anzjanita’.

3. Illi, ghalkemm l-anzjanita fost l-Ufficcjali Pubblici tinghata l-kunsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhiex fost il-kriterji li fuqhom issir l-ghazla ta’ Segretarju Permanenti u Kap ta’ Dipartiment.

4. Illi meta saru l-hatriet ta’ Segretarji Permanenti u Kapijiet ta’ Dipartiment fl-okkazjonijiet elenkati mir-rikorrent dan ma nhassx li kien l-aktar ufficjal idoneju ghal xi wiehed mill-postijiet li riedu jimtlew.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hi li s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kuntradittur ghal dan ir-rikors, stante li l-hatriet ta' Segretarju Permanenti jsiru mill-President tar-Repubblika, filwaqt li dawk ghal Kap ta' Dipartiment isiru mill-Prim Ministru.

L-artikolu 15 tal-Att VIII tal-1997 jghid:

"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u l-procedura quddiem il-Qorti Civili ghandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* ghal kull prattika u procedura quddiem it-Tribunal."

Ma hemm ebda disposizzjoni fl-Att VIII dwar dan l-aspett li teskludi l-applikazzjoni tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Ghalhekk il-kawza trid tkun istitwita u l-ilment maghmul minn min kien responsabbli ghad-decizzjoni li tikkwaza l-ilment.

Il-Kostituzzjoni fl-artikolu 92 (3) u (4) tghid hekk:

(3) Is-setgha ta' hatra ta' ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta' Segretarju Permanenti u tat-tnehhija

mill- kariga ta' persuni li jkunu jzommu jew ikunu qed jagixxu f'dik il- kariga tkun fil-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(4) Il-kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li ma jkunux dawk li l-mod ta' hatra taghhom huwa specifikatament provdut f'din il-Kostituzzjoni ghandhom ikunu mahtura minn fost l-ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

L-ilment tar-rikorrent hu li ma inghatax il-promozzjoni misthoqqa u precizament li "qatt ma tawni l-kariga ta' Direttur jew Direttur Generali" u aktar l-isfel isemmi "Segretarji Permanenti". Fit-tieni pagna tar-rikors jishaq fuq li fuq l-Istaff List tac-Civil li turi li huwa jinsab l-ewwel fil-Lista u turi wkoll illi huwa biss ma' inghatatlux l-kariga ta' Direttur, jew Direttur Generali jew Segretarju Permanenti.

Kif issemma fuq dawn il-karigi skond il-Kostituzzjoni dwar hatra ta' ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta' Segretarju Permanenti tkun fil-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ukoll dwar il-kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern ghandhom ikunu mahtura minn fost l-ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Inspjegabilment ir-rikorrent istitwixxa l-kawza kontra s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru u mhux kontra ufficjali ohra; lanqas qatt talab il-korrezzjoni u t-Tribunal halla l-kawza tipprosegwi anke fuq il-meritu halli ma jtellifx lir-rikorrent mill-possibilta' li jitlob tali korrezzjoni matul il-kors tal-kawza.

It-Tribunal ihoss li wasal iz-zmien li kawzi istitwiti kontra l-Gvern ikunu dejjem kontra persuna indikata f'ligi li issemmi persuna wahda b'indikazzjoni aktar dettaljata dwar id-Dipartiment. Altrimenti wiehed ikollu jimxi mal-formalizmi u mhux mal-ekwita'; pero' f'dan il-kaz it-Tribunal ma jistax imur oltre.

Ghalhekk jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.